*Art. 6 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta*
*Leġittimu Kontradittur*

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 17 ta' Ġunju, 2019**

**Numru 5**

**Rikors Numru 756/11 TA**

**Dr. Marco Sammut u Carmen Farrugia**

**vs**

**Di Natura Limited [C45057]**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Dr. Marco Sammut u Carmen Farrugia ppreżentat u maħluf minn Dr. Sammut stess fil-5 ta' Awwissu 2011 li permezz tiegħu premettew u talbu s-segwenti:-

"1. Illi l-atturi nkarigaw lis-soċjeta` konvenuta sabiex jistallaw sistema ta' *solar heating* fuq il-bejt tar-residenza tagħhom, liema residenza għandha l-indirizz 42/44, Triq Ġorġ Borg Olivier, Rabat, Malta;

2. Illi s-soċjeta` konvenuta naqset milli tesegwixxi l-appalt mogħti lilha skont l-arti u s-sengħa, u skont il-kwalita` u l-mod miftiehem, u in oltre l-appalt għadu mhux kompletat;

3. Illi minkejja li s-soċjeta` konvenuta ġiet interpellata diversi drabi, hija baqgħet inadempjenti u qatt ma rrimedjat għad-difetti fix-xogħol appaltat lilha u lanqas temmet l-istess xogħol;

4. Illi b'konsegwenza ta' dan in-nuqqas, l-atturi ġarrbu u għadhom qed iġarrbu danni;

5. Illi għalhekk qed issir din il-kawża;

6. Illi l-attur Dr. Marco Sammut jiddikjara li jaf bil-fatti suesposti personalment.

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-

1. Tiddeċiedi u tiddikjara illi s-soċjeta` konvenuta għadha sallum ma wettqitx l-appalt mogħti lilha mill-atturi skont is-sengħa u l-arti u skond il-ftehim raġġunt bejn il-kontendenti;

2. Tikkundanna u tordna lis-soċjeta` konvenuta sabiex, entro terminu qasir u perentorju prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, u taħt is-sorveljanza ta' periti nominandi, twettaq ix-xogħlijiet kollha neċessarji sabiex ittemm l-appalt mogħti lilha u minnha aċċettat b'tali mod li s-sistema ta' *solar heating* tkun tiffunzjona bil-mod pattwit bejn il-kontendenti;

3. Tawtorizza lill-atturi sabiex fil-każ li s-soċjeta` konvenuta tonqos milli twettaq x-xogħlijiet kollha imsemmija fit-talba preċedenti fiż-żmien prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti taħt is-sorveljanza ta' l-istess perit bi spejjeż a karigu tas-soċjeta` konvenuta;

4. Tiddeċiedi u tiddikjara, occorrendo permezz ta' periti nominandi, illi b'konsegwenza tan-nuqqas tagħha li tonora l-obbligazzjonijiet tagħha versu l-atturi, is-soċjeta` konvenuta kkaġunat danni lill-istess atturi;

5. Tillikwida dawn id-danni sofferti mill-atturi, occorrendo permezz ta' periti nominandi;

6. Tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lill-atturi dawn id-danni hekk kif likwidati minnha,

u dan previa kull provvediment ieħor li lilha jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ippreżentat kontestwalment, kontra s-soċjeta` konvenuta, li minn issa r-rappresentanti tagħha fi proċeduri ġudizzjarju huma nġunti in subizzjoni."

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-kumpannija Di Natura Limited preżentata fid-19 ta' Settembru 2011 u maħlufa fl-istess jum minn Godfrey Formosa li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

"1. Illi in linja preliminari u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet sussegwenti s-soċjeta` intimata għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti u dan peress illi s-soċjeta` intimata qatt ma ġiet inkarigata tagħmel xogħlijiet u/jew tbiegħ merkanzija lir-rikorrenti;

2. Illi in linja preliminari u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti u l-eċċezzjonijiet sussegwenti t-talbiet attriċi huma preskritti ai termini tal-artikolu 2154 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u dawk sussegwenti t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li qatt ma kien hemm kuntratt t'appalt bejn il-kontendenti;

4. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijet preċedenti u dawk sussegwenti t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li kif jirriżultaw mir-rapport esebit mill-istess rikorrenti, l-ilmenti kollha tar-rikorrenti ġew ikkawżati b'azzjoni/ommissjoni tiegħu stess, ossia in-nuqqas ta' manutenzjoni tas-sistema li konsegwentement tali nuqqas ikkawża ħsara fis-sistema kollha. Illi għalhekk is-soċjeta` intimata ma għamlet ebda att jew ommissjoni li permezz tiegħu irrekat ħsarat u/jew danni lir-rikorrenti;

5. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u dawk sussegwenti t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Marzu 2019 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza fuq l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetá Konvenuta.

**<u>Punti ta' fatti</u>**

**1.** L-Atturi fetħu din il-kawża sabiex jiġi dikjarat li s-sistema ta' *solar heating* fuq il-bejt tar-residenza tal-atturi provduta mis-soċjetá Konvenuta fis-sena 2009 (ara fol 173) ma ġietx installata skont l-arti u s-sengħa u skont il-ftehim milħuq bejn il-kontendenti. L-Atturi qed jitolbu għalhekk li l-Qorti tordna lis-soċjetá Konvenuta tagħmel dawk ix-xogħolijiet meħtieġa sabiex din is-sistema tkun tiffunzjona bil-mod miftiehem. L-Atturi qegħdin ukoll jitolbu d-danni sofferti minnhom minħabba l-inadempjenza tas-soċjeta` Konvenuta li tonora l-obbligazzjonijiet tagħha fil-konfront tal-Atturi.

**<u>Punti ta' Liġi</u>**

**2.** L-atturi inkwadraw it-tip ta' negozju ġuridiku eżistenti bejnhom u s-soċjetá Konvenuta bħala wieħed ta' appalt. Ir-rimedji minnhom mitluba huma fil-fatt kompatibbli mal-kuntratt ta' appalt. Is-soċjetá Konvenuta ma tikkontestax in-natura tal-azzjoni maghmula iżda tikkontesta dan li ma

jesistix rapport kontrattwali magħha fis-sens pretiż fit-tielet eċċezzjoni sollevata minnha fir-risposta maħlufa (a' fol 25). Għalhekk fil-mertu s-socjeta' Konvenuta ma ticħadx li si tratta ta' appalt, iżda in linea preliminari eċċepiet li ma għandha ebda relazzjoni ġuridika bejnha u bejn l-Atturi peress li qatt ma ingħatat inkarigu mill-Atturi kif qed jippretendu.

**3.** Il-Qorti għalhekk, f'dan l-istadju ser tikkunsidra l-ewwel il-kwistjoni tar-relazzjoni guridika tas-soċjetá Konvenuta fid-dawl tal-eċċezzjoni mogħtija u dan kif anke verbalizzat fl-udjenza tas-7 ta' Diċembru 2011 (a' fol 32 ).

**4.** Il-liġi ma tipprovdix enunċjazzjoni espressa ta' x'jikkostitwixxi leġittimu kontradittur ossia relazzjoni ġuridika. Il-Qorti hija gwidata mid-dottrina legali u l-ġurisprudenza fuq din il-materja.

**5.** Fis-Sentenza **tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Korporazzjoni ghas-Servizzi u l-Ilma et -vs- Emanuel Grixti tal-10 ta' Jannar 2007** ġie pronunzjat hekk f'dan ir-rigward:

*"B' relazzjoni ġuridika wieħed neċessarjament jifhem l-eżistenza ta' rapport bejn żewg partijiet in virtu ta' liema l-wieħed, kreditur, għandu d-dritt jippretendi mingħand l-**ieħor**, id-debitur, li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tiegħu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm "di dare" jew "di fare" jew "di non fare". Tali rapport obbligatorju jista' jkun wieħed f' sens strett u jista' jkun jkollu wkoll dimensjoni aktar wiesgħa;"*

**6.** Il-ġurisprudenza tkompli ukoll tistruwixxi li biex tistabilixxi jekk parti in kawża kienetx jew le leġittimu kontradittur tal-parti l-oħra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti (ara **Sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Frankie Refalo et -vs- Jason Azzopardi tal-5 ta' Ottubru 2001)**.

**7.** Peress li f'din il-kawża din l-eċċezzjoni ġiet imqanqla minn soċjeta' b'responsabbilta' limitata, fejn si tratta ta' korp morali u mhux fiżiku, f'dan ir-rigward huwa ukoll utili li jittieħed kont ta' dak li ġie deċiż fis-Sentenza mogħtija mill-**Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-21 ta' Marzu 2002 fl-ismijiet Camel Brand Co Ltd -vs- Michael Debono** fejn intqal hekk:

*"Meta negozju jkun ġestit minn soċjeta` b'responsabilita` limitata, u għaldaqstant minn persuna ġuridika indipendenti, huwa l-obbligu tagħha li tindika dan fl-aktar mod ċar u inekwivoku lit-terzi li jkunu qegħdin jinnegozjaw magħha. Tali indikazzjoni għandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, etc. relatati ma' akkwisti magħmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz għandu kull dritt jippreżumi li qiegħed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod ieħor. Normalment bniedem jikkontratta għalih inniffsu, sakemm ma jindikax li*

*qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf li jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor. Il-piż tal-prova li min jikkontratta għamel hekk f'isem ħaddieħor tinkombi fuq min jagħmel l-allegazzjoni."*

**8.** Forsi jista' jingħad li dan l-aħħar tagħlim huwa kemmxejn differenti mill-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, iżda l-prinċipju involut huwa l-istess.

**Konsiderazzjonijiet**

**9.** In sostenn ta' din l-eċċezzjoni, id-direttur tas-soċjetá Konvenuta Godfrey Formosa xehed li fi żmien li sar il-konsenja tal-apparat lill-Atturi, huwa kien jopera bil-kumpanija D & G Projects Limited (ara xhieda Godfrey Formosa a' fol 49). Din il-kumpanija topera mill-istess showroom fejn topera il-kumpanija konvenuta u Godfrey Formosa huwa s-*sole director* kemm tal-kumpanija D & G Projects Limited kif ukoll tal-kumpanija konvenuta (ara xhieda Godfrey Formosa a' fol 50 u 64).

**10.** Is-soċjetá Konvenuta ressqet is-segwenti provi:

1. L-Audit accounts tas-sena 2009 tas-soċjetá Konvenuta Di Natura Limited (a' fol 34) fejn f'paġna 3 hemm indikat li r-revenue huwa zero,

jiġifieri għalhekk li ma kienx hemm trading fuq din il-kumpanija (ara xhieda a’ fol 51);

2. L-order form a’ fol 43 fejn jirriżulta li l-prodotti għall-Atturi, dawk immarkati bil-blu, ġew ordnati mill-kumpanija D & G Projects Limited (ara xhieda a’ fol 52).
3. Purchase order and agreement form mal-kumpanija Helix Wind, Inc (a’ fol 58) fejn jirriżulta li l-wind turbine ġie akkwistat għall-Atturi mill-kumpanija D&G Projects Limited (ara xhieda a’ fol 64).
4. L-FS3 għal-perjodu 2009 ta’ Alvin Buttigieg, it-technician li waħħal is-sistema fuq il-bejt tar-residenza tal-atturi (fol 57) li turi li dak iż-żmien huwa kien impjegat tal-kumpannija D & G projects limited.
5. Affidavit ta’ l-istess Alvin Buttigieg a’ fol 106 u l-kontro-eżami tiegħu a’ fol 159 fejn jixhed ulterjorment li fi żmien li nxtara l-materjal u twaħħlet is-sistema fir-residenza tal-Atturi, hu kien reġistrat mal-ETC bħala impjegat ma’ D & G Projects Limited.
6. Affidavit ta’ Johan Aloisio a’ fol 75 fejn jispjega li fis-sena 2009 ġie mqabbad mill-kumpannija D&G Projects Limited sabiex jagħti konsulenza u assistenza fuq l-istallazjoni tas-sistema in kwistjoni fir-residenza tal-atturi. Huwa jikkonferma li tħallas mill-kumpannija D&G Projects Limited għas-servizzi mogħtija minnu (ara wkoll kontro-eżami a’ fol 153 u 154).

7. Iċ-ċertifikat tar-Reġistrazzjoni tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud a' fol 208 minn fejn jirriżulta li n-numru tal-Vat indikat fl-irċevuta preżentata mill-attriċi Carmen Portelli huwa tal-kumpanija D & G Projects Limited (ara f'dan l-isfond ix-xhieda ta' Mark Sammut a' fol 206).

**11.** Is-Sur Godfrey Formosa in kontro-eżami jagħti x'jifhem ukoll li parti mill-pagament effettwat mill-Atturi sar b'ċekk indirizzat lil D&G Projects Limited (ara fol 109). Jirrizulta iżda mix-xhieda inkontestata ta' Dr. Mark Sammut li l-isem tal-benefiċċjarju tħalla vojt fuq talba tas-Sur Formosa sabiex timtela minnu stess (ara fol 202 u 204).

**12.** F'dan ir-rigward għal darba oħra il-Qorti temmen lill-Attur, kemm minħabba dak li ser jingħad aktar 'l isfel u anke fid-dawl tal-*modus operandi* ftit li xejn ċar tal-provveditur f'din il-Kawża waqt it-trattativi mal-klijent, partikularment dokumentali. Wieħed irid dejjem iżomm quddiem għajnejh, li min jallega jrid iġib il-prova u mhux bil-kuntrarju. Dan mhux biss konsonantament mat-tagħlim ġurisprudenzjali fuq imsemmi (Ara **Camel Brand** supra) izda ukoll, ma' dak li jiddisponi l-artiklu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u in ommagg tal-principji legali *"semper necessitas probandi incumbit ei qui agit".* (ara **"Anthony Caruana et -vs- John Magro et", Appell, 6 ta' Ottubru 1999 u "Joseph Grech -vs- Domenico Savio Spiteri" Appell, 25 ta' Mejju 2001).** F'dan is-sens għalhekk, sa fejn jirrigwarda dan ic-cheque, ma kien hemm xejn xi jżomm lill-imsemmi milli

jħarrek lill-Banek, għaliex wara kollox dan il-ħlas daħħlu fil-kontijiet tiegħu. Issa jekk kienx indikahom bħala xhieda jew le, dik hija ħaġa oħra, għalkemm seta' janticipa li ser ikollu bzonnhom għal dan l-iskop.

**13.** Godfrey Formosa ippreżenta wkoll pro forma invoice (a' fol 56) fejn fiha hemm imniżżel b'tipa kemmxejn stramba l-isem tal-kumpanija D & G Projects Limited. Skont id-direttur Godfrey Formosa, din ġiet mogħtija lill-Atturi (ara xhieda a' fol 49). L-Atturi iżda jinsistu li qatt ma rawha (ara xhieda Carmen Portelli a' fol 176 u 188 u xhieda Dr. Mark Sammut a' fol 200). Fuq il-preponderanza u bilanċ ta' provi, u anke fid-dawl tal-modus operandi xi ftit konfuż ta' kif is-soċjeta' Konvenuta ġabet ruħha fil-konfront tal-Atturi, fir-rigward ta' din l-invoice temmen lill-Atturi. Jekk dak li hemm miktub bħala D & G Projects ltd f'dik l-invoice, huwa standard fuq il-*letter heads* ta' din is-Soċjeta', toħloq problemi ta' vista għal min irid jaqraha. Di piu' l-Qorti taqbel mal-Atturi li l-veraċita tal-pro forma invoice hija kemmxejn dubbjuża (ara a' fol 238 u 239). Għalhekk il-Qorti tqis li din il-fattura ma tistax tikkostitwixxi prova fil-konfront tal-Atturi.

**14.** Fil-kaz ta' persuni ġuridici li jikontrattaw ma' terzi, b'aktar forza milli kieku n-negozju qiegħed isir ma' persuna fiżika, u aktar u aktar meta jkollok sett ta' Kumpaniji ġieli anke b'ismijiet simili, jew bl-istess direttur li jilbes diversi kpiepel korporattivi, il-konsumatur għandu jkun jaf sa mill-bidu nett b'mod ċar u limpidu ma' min qiegħed jittratta. Dak li propju tinsisti fuqu s-

**Sentenza sucitata ta' Camel Brand Ltd.** Ma hux sewwa li l-provveditur jipprova joħrog b'informazzjoni *"cara"* wara li jsir l-ilment u minflok mill-bidu nett u ċioe' minn meta jfaqqas l-ewwel darba n-negozju.

**15.** Mill-bidu nett irid jagħti dettalji li jkunu apparenti u mhux li jkunu jridu jiġu skoperti minn min ikun xtara s-servizz wara li jinqalgħu l-problemi. Min jixtri ma hux tenut li jimbarka fuq spedizzjoni ta' esplorazzjoni biex jiskopri ma' min kellu x'jaqsam. Il-Qorti tinnota, li anke meta inqalgħu u insorġew il-problemi, l-imsemmi Godfrey Formosa baqa' jikkorispondi b'emails, mingħajr l-iċken referenza għas-Socjeta' D & G Projects Limited. Tajjeb jew ħazin l-ittra elettronika tat-13 ta' Mejju 2011 tindika "**From**: Di Natura..." u jekk ma tridx, l-imsemmi jissottoffirmaha mingħajr ma għid għal min. Anzi semma' ukoll, li kien ser jgħaddi l-ittra lill-avukat tiegħu. B'dana kollu l-Kumpanija li qed tissemma' issa ma hemm ebda referenza għaliha. Jekk kien hemm okkażjoni fejn messu indikaha, tal-inqas għall-ewwel darba, din kienet l-okkażjoni.

**16.** Dwar il-provi miġjuba mis-Soċjetá Konvenuta kif senjalati minn 1 sa 7 aktar 'l fuq, din il-Qorti għandha dan xi tgħid. Kwantu jirrigwarda mill-ewwel sas-sitt punti, ebda bniedem raġjonevoli fil-mument li qed jixtri ma hu tenut li jidħol fid-dettalji imsemmija qabel ma jixtri. Meta bniedem qiegħed jixtri, jkun qed jagħmel hekk in buona fede. Kien ikun xorta oħra, kieku ġew prodotti invoices, purchase orders, jew dokumenti oħra, bħal letterheads ċari, li

jindikaw b'mod ċar kif trid il-liġi, ma' min fil-mument tal-bejgħ tassew ikun qiegħed isir in-negozju.

**17.** Iżda s-Soċjeta' Konvenuta bħal donnha tippretendi, li l-Atturi kellhom jiddeżumu ma' min kienu qed jittrattaw. Hekk, bħal meta l-Attrici ġiet mistoqsija jekk kienitx taf ta' min kien il-Vat number fuq id-dokument imsemmi hawn taħt. Din il-Qorti temmen li fis-sewwa mhux Vat-number kellu jkun hemm, iżda lil min kien jappartjeni b'mod ċar dak il-Vat number. Sa fejn jirrigwarda d-dokument markat MS (a' fol 178), waqt dawn il-proceduri irriżulta (ara a' fol 208), li Vat number indikat fih jappartjeni lil G & D Projects Ltd. B'dan kollu, f'dak id-dokument mhux l-aħħar kumpanija tissemma' iżda huwa abbinat mal-isem jew markju ta' Di Natura.

**18.** It-test f'dan kollu huwa x'jifhem bniedem raġjonevoli li ma hux fil-kummerċ f'ċirkostanzi simili. Din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li għal bniedem raġjonevoli mhux addestrat fil-kummerċ, għaliex huwa sempliċi konsumatur, hemm jew ma hemmx il-kliem *"Ltd"*, dan inevitabbilment jabbinah mal-uniku markju li jkun jidher fuq id-dokument, aktar u aktar meta wara jirriżulta li tesisti Soċjeta' bl-isem ta' dak il-markju, f'dan il-każ Di Natura Ltd. Terga' u tghid kumpanija bl-istess indirizz tal-post minn fejn xtara u b'direttur li jkun tratta mieghu waqt it-trattativi tan-negozju (ara dok a' fol 86). Min qiegħed jixtri, mhux jiskopri jrid, iżda jkun mgħarraf b'mod ċar sa mill-

bidu tat-trattativi propju biex ma jinħolqux l-ekwivoċi li fil-futur jkun ta' ħsara għal min ikun xtara.

**19.** Tajjeb li jinghad li s-Socjeta' Konvenuta targumenta, illi kieku saret interpellazzjoni permezz ta' ittra legali jew ġudizzjarja qabel ma ġew isititwiti dawn il-proċeduri, ir-relazzjoni ġuridika kienet tiġi sollevata fi stadju bikri. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan ir-raġunament. Mhux biss għaliex huwa wiehed *ex post facto*, fi ftit kliem, fuq il-mejjet kulħadd ikanta, iżda s-Soċjeta' Konvenuta kellha kull opportunita' li tkun ċara ħafna qabel ma bdew dawn il-proċeduri u dan ma għamlitux. Anzi kien l-obbligu tagħha li tagħmlu. Okkażjoni minnhom fil-każ tal-ittra elettronika fuq imsemmija.

**20.** L-Atturi min-naħa tagħhom jargumentaw li waslu għal konklużjoni li kienu indotti biex jifhmu li qed jinnegozjaw ma' Di Natura Limited minħabba li ma kellhomx għalxiex jaħsbu mod ieħor fl-isfond ta' dawn is-segwenti fatti (ara fol 236 para 26 u fol 237 para 31 et seq):

1. Fir-reklami dejjem intuża l-isem Di Natura (ara xhieda Carmen Portelli a' fol 174 u Dr. Mark Sammut a' fol 195 u 196);
2. Ix-showroom kellha tabella mdaqqsa bl-isem Di Natura (xhieda Carmen Portelli a' fol 186 u Dr. Mark Sammut a' fol 195)

3. Fil-korrispondenza li saret mal-atturi permezz tal-e-mails, is-Sur Godfrey Formosa dejjem għamel użu tal-logo Di Natura (ara l-emails a' fol 171)
4. Il-kelma Di Natura (mingħajr il-limited) stampata fl-istima tax-xogħol a' fol 96 u l-irċevuta a' fol 178 tindika referenza għal Di Natura Limited u mhux D & G Limited.

**21.** F'dan l-istadju huwa valevoli li issir referenza għal dak li jiddisponi l-artiklu 6 tal-Kap. 386 tal-ligijiet ta' Malta kwantu jirrigwarda Kumpaniji. Dan l-artiklu għid hekk illi: *"Fuq l-ittri kummerċjali kollha tagħha kif ukoll fuq il-formuli tal-ordnijiet, sew jekk fuq karta, sew permezz ta' mezz ieħor, kif ukoll fuq il-website jew il-websites tal-internet tagħha, jekk ikollha, Soċjeta' Kummercjali għandha ssemmi b'tipa legibbli isimha, it-tip ta' sħubija kummerċjali, l-uffiċju reġistrat u n-numru ta' reġistrazzjoni li jkollha."* Ħasset li kellha tirriproduċi din il-parti tal-liġi *in extenso*, għaliex din il-Qorti ma taħsibx li din tinsab fil-liġijiet tagħna ghall-iskopijiet kosmetiċi, iżda għandha valur informattiv għal min ikun qiegħed jittratta ma' dik il-Kumpanijia. Din il-Qorti hija tal-fehma qawwija, li din il-parti tal-liġi hija mahsuba biex propju fost oħrajn jiġu evitati sitwazzjonijiet li jkunu ta' detriment għal min jidħol f'kuntatt ma' Soċjeta' b'responsabbilita' limitata. Meta wieħed jifli x-xorta ta' dokumenti esebiti mis-Soċjeta' Konvenuta, anke fir-rigward tal-Kumpanija l-

oħra, ma jistax ma jkunx osservat li din il-parti tal-liġi giet pjuttost osservata fin-non-osservanza tagħha.

**22.** Fis-sitwazzjoni li għandha quddiemha l-Qorti la tesisti tipa leġibbli bl-isem ta' xi kumpanija partikluari u l-anqas dettalji oħra li talinqas jiddentifikaw Kumpanija u mhux oħra. Hemm referenza kontinwa ghall-markju Di Natura fir-reklami, tabella tax-showroom, korrispondenza, stima u rċevuta mgħoddija lill-Atturi biex b'hekk inħoloq konfondiment bla bżonn li wassal lill-Atturi raġjonevolment jemmnu li qed jikkontrattaw miegħu qua direttur tas-soċjetá Konvenuta. Għalhekk hija din is-Soċjeta' li trid twieġeb għat-talbiet tal-Atturi.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tas-Soċjetá Konvenuta u tordna għalhekk il-kontinwazzjoni tal-Kawża fil-mertu.

**L-ispejjeż** ta' din id-deċiżjoni parzjali jitħallsu mis-soċjetá Konvenuta.

**Tordna** għalhekk il-prosegwiment tal-kawża.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**